

Brussell, 23 ta' Settembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0297(COD)

12184/21
ADD 4

SPG 3
WTO 219
CODEC 1249
IA 156

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 267 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT <i>Li jakkumpanja d-dokument</i> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 267 final.

Mehmuż: SWD(2021) 267 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2021
SWD(2021) 267 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-
Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

{COM(2021) 579 final} - {SEC(2021) 330 final} - {SWD(2021) 266 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' żewġ paġni)
VALUTAZZJONI TAL-IMPATT dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ta' preferenzi tariffarji għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Ir-Regolament SĠP (UE) Nru 978/2012 se jiskadi fl-aħħar tal-2023. Jekk ma jiġi adottat l-ebda regolament SPĠ ġdid, l-arranġamenti tas-SĠP Standard u tas-SĠP+ tas-SĠP ma jitkomplewx u l-UE jkollha timponi imposti fuq il-pajjiżi benefiċjarji attwali (pajjiżi li qed jiżviluppaw bi dħul baxx u medju inferjuri) bit-tariffi tal-pajjiż l-aktar favorit (MFN, most favoured nation). Huwa l-arranġament tal-Kollox Minbarra Armi (KMA) għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs, least developed countries) biss li huwa miftuħ u jibqa' jiġi applikat. Dan jaffettwa ħażin l-esportazzjonijiet u l-investimenti, u b'hekk it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fil-15-il pajjiż benefiċjarju attwali tas-SĠP Standard u d-disa' pajjiżi benefiċjarji attwali tas-SĠP+.
X'jenħtieġ li jinkiseb?
L-analiżi identifikat tliet objettivi ġenerali u ħames objettivi speċifiċi li jridu jinkisbu. 1) Li tkompli l-kontribuzzjoni għall-qerda tal-faqar billi - Ikun hemm espansjoni tal-esportazzjonijiet mill-pajjiżi benefiċjarji, speċjalment dawk l-aktar fil-bżonn, - Titjeb id-diversifikazzjoni tal-esportazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji. 2) Li tkompli l-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba fil-pajjiżi benefiċjarji billi: - Jissaħħaħ l-appoġġ tas-SĠP għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi benefiċjarji, - Tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-SĠP u tiżdied it-trasparenza dwar il-monitoraġġ tas-SĠP+. 3) Li jiġi żgurat li l-interessi ekonomiċi tal-UE jiġu protetti aħjar fil-funzjonament tal-iskema billi - ikomplu jiġu protetti l-industriji tal-UE li jikkompetu magħhom.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Il-politika kummerċjali komuni hija elenkata fl-Artikolu 3 tat-TFUE fost l-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-alternattivi differenti biex jinkisbu l-objettivi? Hemm alternattiva ppreferuta? Jekk le, għaliex?
Identifikajna 11-il għażla ta' politika u 19-il għażla sekondarja, li ssibuhom f'aktar dettall fit-tabella meħmuża. Il-konklużjoni ġenerali, wara l-Istudju ta' sostenn u l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu, hija li t-tliet objettivi ġenerali tas-SĠP ikunu moqdiya l-aħjar billi tiġi segwita l-kontinwità u tinżamm l-arkitektura attwali tas-SĠP bit-tliet arranġamenti tagħha. Jenħtieġ li l-qafas tas-SĠP jiġi aġġornat billi jiġu introdotti bidliet tekniċi biex jittejjbu l-effettività u l-effiċjenza tas-SĠP. Għaldaqstant, is-sett ta' għażliet ippreferuti huma: - Jiġi abolit il- kriterju ta' vulnerabbiltà tal-kompetittività tal-esportazzjoni limitat eżistenti biex jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha li jiggradwaw mill-KMA jkunu jistgħu jsiru eliġibbli għas-SĠP+ (l-Għażla sekondarja 3Ba) - Tiġi estiża l- kundizzjonalità negattiva (jiġifieri l-possibbiltà li jiġu ritirati preferenzi tariffarji f'każijiet ta' ksur serju u sistematiku) għall-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-klima/l-ambjent u l-governanza tajba elenkati fl-Anness VIII għar-Regolament (l-Għażla 6B) - Tiġi aġġornata l- lista ta' konvenzjonijiet fl-Anness VIII tar-Regolament (l-Għażla sekondarja 8Bc)

<ul style="list-style-type: none"> - Jiġu introdotti passi addizzjonali wara t-tnedija formali ta' proċedura ta' rtirar (l-Għażla 9Bb), titqassar id-durata tal-proċedura f' ċirkustanzi eċċezzjonali (l-Għażla sekondarja 9Bd) u jiġi introdott l-irtirar għall-migrazzjoni (l-Għażla sekondarja 9Bc) - Jiġu adottati miżuri prattiċi biex itejbu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-SĠP: tiġi pprovduta deskrizzjoni dettaljata tal-proċess ta' monitoraġġ u jiġi ċċarat l-involvement tas-soċjetà ċivili (l-Għażla 10B). - Issir espansjoni taċ-ċiklu ta' monitoraġġ għal tliet snin (l-Għażla 10D). <p>Għall-għażliet kollha li jifdal, b'mod ġenerali nżommu l-linja bażi.</p>
<p>X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?</p>
<p>Il-parti l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jappoġġaw iż-żamma tal-qafas attwali tas-SĠP, inkluż it-tliet arranġamenti, fuq il-bażi li l-iskema tgħin biex jinqered il-faqar, jinħolqu l-impjiegi u jiġi appoġġat it-tkabbir ekonomiku, filwaqt li tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli. Mhux meħtieġ tiġdid maġġuri tal-arkitettura tas-SĠP, iżda pjuttost it-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tagħha. Il-partijiet ikkonċernati appoġġaw l-idea li l-konvenzjonijiet dwar l-ambjent/it-tibdil fil-klima jiġu inklużi fil-kundizzjonalità tas-SĠP kif ukoll jiġu introdotti miżuri addizzjonali biex jitjebu t-trasparenza u l-involvement tas-soċjetà ċivili. L-industrija tal-UE tappoġġa b'mod ġenerali s-SĠP, għalkemm xi setturi (eż. is-settur agroalimentari u l-produtturi tat-tessuti) jitolbu aktar protezzjoni tal-interessi ekonomiċi tal-UE. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jitolbu aktar trasparenza fil-proċess ta' monitoraġġ tas-SĠP u żieda fl-impatt tal-iskema fuq it-titjib tal-istandards tax-xogħol u tal-ambjent fil-pajjiżi benefiċjarji.</p>
<p>C. Impatti tal-għażla ppreferuta</p>
<p>X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</p>
<p>L-impatt ġenerali huwa limitat billi l-iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi għadha ġeneralment stabbli, mingħajr ma tintroduċi bidliet kbar u kumplessitajiet addizzjonali għall-benefiċjarji tas-SĠP, in-negozju, u s-soċjetà ċivili. Il-bidliet proposti għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-aċċess tal-ifqar pajjiżi għas-suq tal-UE, b'mod partikolari pajjiżi li mistennija jiggradwaw mill-istat ta' LDC, u l-integrazzjoni tagħhom fil-kummerċ internazzjonali, biex jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom u jippromwovu tkabbir ekonomiku sostenibbli, b'mod partikolari permezz ta' żieda fil-ħarsien tal-ambjent. It-tkomplija tas-SĠP bil-bidliet immirati proposti se tkun sinjal inkoraġġanti kruċjali mill-UE lis-šhab li qed jiżviluppaw, u żżomm pjattaforma importanti biex ikun hemm involvement mal-pajjiżi benefiċjarji biex ikun hemm bidla li tkun konsistenti mal-aġenda tal-valuri tal-UE u l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.</p>
<p>X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</p>
<p>Kostijiet addizzjonali (riżorsi) huma marbuta ma' żieda fil-monitoraġġ tal-konformità tal-benefiċjarji tas-SĠP mal-konvenzjonijiet internazzjonali l-ġodda (li se jiżiedu fid-dawl tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-governanza relatata mal-migrazzjoni) u, wara l-estensjoni tal-kundizzjonalità negattiva, tal-konvenzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-governanza tajba.</p>
<p>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</p>
<p>Il-miżuri ta' trasparenza jtejjbu l-fehim ta' kif taħdem is-SĠP fil-prattika għall-benefiċċju tal-SMEs, b'mod partikolari. Ma hu mistenni l-ebda impatt negattiv fuq l-SMEs.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</p>
<p>Ma huma mistennija l-ebda impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.</p>
<p>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</p>
<p>L-għażliet proposti se jappoġġaw is-SĠP u l-kontribut tal-politika kummerċjali għall-Patt Ekoloġiku Ewropew (b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima), għall-ġlieda kontra x-xogħol furzat u l-aġħar forom ta' tħaddim tat-tfal, u politiki relatati mal-migrazzjoni.</p>
<p>Proporzjonalità?</p>
<p>Il-prinċipju tal-proporzjonalità huwa ssodisfat billi regolament rigward is-SĠP huwa l-uniku tip ta' azzjoni</p>

xierqa li tista' tagħmel l-Unjoni biex tistabilixxi aċċess preferenzjali unilaterali għas-suq tagħha għall-esportazzjonijiet mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-Kummissjoni tipproponi li r-regolament il-ġdid idum għaddej 10 snin biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza għall-operaturi ekonomiċi u biex jiġi minimizzat il-piż regulatorju.

Anness: Deskrizzjoni tal-għażliet ta' politika

Raggruppamenti	Fatturi	Għażliet ta' Politika
Raggruppament 1 Arranġamenti u pajjiżi benefiċjarji	Fattur 1 (D1) Tnaqqis fl-għadd ta' pajjiżi benefiċjarji tas-SĠP Standard	Għażla 1B (O.1B) Tiġi emendata l-istruttura bi tliet livelli tas-SĠP ✓ Għażla sekondarja 1Ba : Jitwaqqaf kollox ħliet il-KMA ✓ Għażla sekondarja 1Bb : Titwaqqaf is-SĠP Standard biss
	Fattur 2 (D2) Pajjiżi benefiċjarji kbar u industrijalizzati bi struttura tal-esportazzjoni diversifikata wkoll jibbenefikaw mis-SĠP	Għażla 2B (O.2B) Gradwazzjoni mis-SĠP ta' pajjiżi kbar u industrijalizzati li qed jiżviluppaw
	Fattur 3 (D3) Għadd bla preċedent ta' pajjiżi benefiċjarji tal-KMA mistennija li jiggradwaw mill-istat ta' LDC u b'hekk joħorġu mill-KMA	Għażla 3B (O.3B) Jiġi żgurat li l-pajjiżi kollha li huma mistennija li jiggradwaw minn LDC jistgħu jagħmlu tranżizzjoni lejn is-SĠP+ billi: ✓ Għażla sekondarja 3Ba : jinbidlu l-kriterji ta' vulnerabbiltà jew ✓ Għażla sekondarja 3Bb : jingħata perjodu ta' tranżizzjoni itwal biex jiġu ssodisfati l-kriterji
Raggruppament 2 Kopertura tal-prodotti u mekkaniżmu tal-gradwazzjoni	Fattur 4 (D4) Il-mekkaniżmu tal-gradwazzjoni tal-prodotti mhuwiex immirat biżżejjed lejn il-prodotti kompetittivi u jkopri biss is-SĠP Standard	Għażla 4B (O.4B) Issir espansjoni tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-gradwazzjoni tal-prodotti għas-SĠP+ u l-KMA ✓ Għażla sekondarja 4Ba : għar-ross u z-zokkor ✓ Għażla sekondarja 4Bb : għall-prodotti agrikoli kollha fl-Anness V u IX tar-Regolament SĠP
	Fattur 5 (D5) Il-kopertura tal-prodotti tas-SĠP ma tirriflettix b'mod adegwat il-potenzjal tal-esportazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji	Għażla 5B (O.5B) Issir espansjoni tal-kopertura tal-prodotti għas-SĠP standard u s-SĠP+ ✓ Għażla sekondarja 5Ba : għall-prodotti li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ħarsien tal-ambjent u tal-klima ✓ Għażla sekondarja 5Bb : għal għadd ta' prodotti industrijali u agrikoli nofshom lesti u finali
Raggruppament 3 Kundizzjonalità	Fattur 6 (D6) Il-kundizzjonalità negattiva (l-Artikolu 19) għall-arranġamenti kollha tas-SĠP hija ristretta għall-konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin (id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol) elenkati fil-Parti A tal-Anness VIII tar-Regolament SĠP	Għażla 6B (O.6B) Issir espansjoni tal-kundizzjonalità għall-konvenzjonijiet kollha elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament

Raggruppamenti	Fatturi	Għażliet ta' Politika
	<p>Fattur 7 (D7)</p> <p>Il-kundizzjonalità pożittiva (l-Artikolu 15) tingħata biss għas-SĠP+. Il-benefiċjarji tas-SĠP Standard u tal-KMA mhumiex meħtieġa jirratifikaw il-konvenzjonijiet elenkati fil-Parti A u B tal-Anness VIII tar-Regolament</p>	<p>Għażla 7B (O.7B)</p> <p>Issir espansjoni tal-kundizzjonalità pożittiva għall-arranġament tas-SĠP Standard u l-pajjiżi benefiċjarji tal-KMA</p>
	<p>Fattur 8 (D8)</p> <p>Il-lista tal-konvenzjonijiet internazzjonali fl-Anness VIII tar-Regolament mhijiex aġġornata</p>	<p>Għażla 8B (O.8B)</p> <p>Tiġi emendata l-lista ta' konvenzjonijiet fl-Anness VIII tar-Regolament</p> <ul style="list-style-type: none"> ✓ Għażla sekondarja 8Ba: Jitnehjew il-konvenzjonijiet meqjusa li ma għadhomx/huma inqas rilevanti ✓ Għażla sekondarja 8Bb: Issir espansjoni tal-lista ta' konvenzjonijiet fl-Anness VIII tar-Regolament ✓ Għażla sekondarja 8Bc: Jiġu kkombinati 8Ba u 8Bb
	<p>Fattur 9 (D9)</p> <p>Rispons ineffiċjenti u insuffiċjenti – permezz tal-mekkaniżmu ta' rtirar tas-SĠP</p>	<p>Għażla 9B (O.9B)</p> <p>Jiġi emendat il-mekkaniżmu għall-irtirar temporanju tal-preferenzi</p> <ul style="list-style-type: none"> ✓ Għażla sekondarja 9Ba: Jiġu introdotti passi addizzjonali qabel it-tnedija formali ta' proċedura ta' rtirar ✓ Għażla sekondarja 9Bb: Jiġu introdotti passi addizzjonali wara t-tnedija formali ta' proċedura ta' rtirar ✓ Għażla sekondarja 9Bc: Jiġi introdott irtirar għal operatori ekonomiċi speċifiċi, u/jew għall-ksur tal-konvenzjonijiet dwar il-migrazzjoni ✓ Għażla sekondarja 9Bd: Proċedura ta' urġenza iqsar f' ċirkustanzi kwalifikati sew
<p>Raggruppament 4</p> <p>Trasparenza</p>	<p>Fattur 10 (D10)</p> <p>Informazzjoni u trasparenza insuffiċjenti u nuqqas ta' indikaturi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tas-SĠP</p>	<p>Għażla 10B (O.10B)</p> <p>Jiġu adottati miżuri prattiċi biex titjieb it-trasparenza</p>
		<p>Għażla 10 C (O.10C)</p> <p>Iċ-ċiklu ta' monitoraġġ tas-SĠP jiġi estiż u allinjat</p>
<p>Raggruppament 5</p> <p>Salvagwardji</p>	<p>Fattur 11 (D11)</p> <p>Il-mekkaniżmu ta' salvagwardja mhumiex reattiv biżżejjed, b'mod partikolari dwar prodotti sensitivi</p>	<p>Għażla 11 B (O.11B)</p> <p>Issir espansjoni tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' salvagwardji awtomatiċi (l-Artikolu 29) għall-prodotti agrikoli kollha</p>

Raggruppamenti	Fatturi	Għażliet ta' Politika
	<p>[u Fattur 4 (D4) Il-mekkaniżmu tal-gradwazzjoni tal-prodotti mhuwiex immirat biżżejjed lejn il-prodotti kompetittivi u jkopri biss is-SGP Standard]</p>	<p>Għażla 11 C (O.11C) Issir espansjoni tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' salvagwardji awtomatiċi (l-Artikolu 29) għall-pajjiżi beneficijarji tal-KMA għal-listi differenti ta' prodotti</p> <ul style="list-style-type: none"> ✓ Għażla sekondarja 11Ca: il-lista attwali tal-prodotti (l-Artikolu 29) ✓ Għażla sekondarja 11Cb: issir espansjoni tal-lista għar-ross u z-zokkor ✓ Għażla sekondarja 11Cc: issir espansjoni tal-lista għall-prodotti agrikoli kollha